DIRETTORAT GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI
IL-FURJANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR EDUCATIONAL SERVICES
FLORIANA VLT 2000
MALTA

*Id-Direttur Ġenerali* *The Director General*

21 ta' Jannar 2014

Għeżież Ġenituri,

L-Iskola Nazzjonali tal-Isport ser tilqa' applikazzjonijiet minn studenti li mis-sena skolastika li jmiss jixtiequ jkomplu l-istudji akkademiċi tagħhom kif ukoll jitħarrġu f'xi dixxiplina sportiva li jeċċellaw fiha.

Din l-iskola tilqa' fi ħdanha studenti bniet u subien minn Malta u Għawdex li twieldu fl-2003, li jkunu temmew b'suċċess is-sitt sena tagħhom fl-iskola primarja u li huma meqjusa b'talent u promettenti ħafna fil-qasam tal-isport tagħhom mill-*coaches* rispettivi tagħhom fi ħdan l-Assoċjazzjoni Sport Nazzjonali. Dawn l-istudenti huma eliġibbli biex japplikaw għad-dħul fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport.

Nixtieq ninfurmakom li ser issir laqgħa għall-ġenituri fejn fiha ser tingħata informazzjoni dettaljata dwar il-proċess tal-għażla u r-rekwiżiti għad-dħul fl-Isport Nazzjonali tal-Isport. Din il-laqgħa ser tkun indirizzata mill-Onor. Evarist Bartolo, Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u ser issir kif indikat hawn taħt:

**Data:** **Ġimgħa 31[ta'] Jannar 2014**
**Post:** **Kulleġġ Sta Klara, Skola Primarja Pembroke (fis-sala tal-iskola)**
**Ħin:** **6:00 ta' filgħaxija**

**L-applikazzjonijiet ser jiftħu nhar il-Ġimgħa 28 ta' Frar 2014** u **jibqgħu jintlaqgħu sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa 28 ta' Marzu 2014.** L-applikazzjonijiet jistgħu jinġabru u jintlaqgħu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care*, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex.

L-applikazzjonijiet jistgħu jkunu aċċessibbli fuq il-websajt *www.education.gov.mt*.

**George Borg**
**Direttur Ġenerali**
**Direttorat għal Servizzi Edukattivi**